OMBUDSMAN

MALTA

**Każ Nru CEDUC-24-4893**

30  ta’ April 2025

L-Onorevoli Dott Angelo Farrugia
Speaker
Kamra tad-Deputati
Pjazza Ħelsien
Il-Belt Valletta
VLT 1111

Onorevoli Speaker

Fit-termini tal-Artikolu 22(4) tal-Att dwar l-Ombudsman qiegħdin nibgħatu kopja tal-Opinjoni Finali, flimkien ma’ dan ir-*resumé* tal-każ u korrispondenza oħra relevanti, biex jinġiebu għall-attenzjoni tal-Kumitat Permanenti dwar ix-Xogħol tal-Kamra u biex jitpoġġew fuq il-mejda tal-Kamra għall-attenzjoni tal-Membri tal-Kamra tad-Deputati.  Dan ir-Rapport sar wara investigazzjoni kondotta dwar l-ilment miġjub minn membru tal-istaff akkademiku tal-Kulleġġ Malti tax-Xjenza, Arti u Teknoloġija (MCAST).

## ***Resumé***

Il-persuna  li ilmentat allegat li l-MCAST kellu bonus ‘sigriet’ li permezz tiegħu għalliema speċifikatament magħżula kienu qed jirċievu remunerazzjoni addizzjonali ta’ €8,160 fis-sena.  Membri oħra tal-istaff akkademiku ma kellhomx aċċess għal dan il-bonus għax kollox kien inżamm prattikament sigriet mill-amministrazzjoni tal-istess Kulleġġ.

Wara eżami akkurat tal-fatti u ċ-ċirkustanzi kollha, il-Kummissarju għall-Edukazzjoni wasal għall-konklużjoni li l-ilment kien ġustifikat fit-termini tal-paragrafi (*b*) u (*d*) tas-subartikolu (1) tal-Artikolu 22 tal-Att dwar l-Ombudsman, u dan għar-raġunijiet imfissra fl-Opinjoni Finali tat-28 ta’ Frar 2025, u b’mod partikolari fil-paragrafi 5 sa 7 tal-imsemmija Opinjoni.

Minbarra dan, dan l-Uffiċċju irrakkomanda, għall-fini ta' trasparenza u kontabilità, li l-eżistenza ta' dan it-'top-up allowance' u l-kundizzjonijiet għal biex wieħed ikun eliġibbli għalih jiġu magħmula pubbliċi, u li l-MCAST tippubblika n-numru ta' għalliema li ibbenifikaw minn dan l-allowance matul is-snin u l-infiq totali, u dan in konformità mal-paragrafu (*g*) tas-subartikolu (3) tal-imsemmi Artikolu 22.

L-Opinjoni Finali ġiet komunikata lill-Principal u CEO tal-MCAST fit-28 ta' Frar 2025, b'kopja lill-Ministru responsabbli mill-Edukazzjoni. Fl-14 ta' April 2025, aħna ktibna lill-Onorevoli Prim Ministru fit-termini u għall-fini u effetti tal-Artikoli 17C u 22(4) tal-Kap. 385.

Billi sal-lum dan l-Uffiċċju għadu ma ġiex infurmat li r-rakkomandazzjonijiet kienu ġew aċċettati u li kienu ser jiġu mwettqa, qed nippreżentawlek dan ir-rapport għall-konsiderazzjoni tal-Kamra tad-Deputati.

Insellu għalik

Joseph Zammit McKeon
Ombudsman

Vincent A De Gaetano
Kummissarju għall-Edukazzjoni

Dokumenti annessi:
Rapport Finali 28 ta' Frar 2025
Ittra lill-Prinċipal u CEO tal-MCAST – 28 ta' Frar 2025
Ittra lill-Uffiċċju tal-Prinċipal u CEO tal-MCAST – 14 ta' April 2025
Ittra lill-Prim Ministru – 14 ta' April 2025